

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

PROVIŻORJU
2006/2104(INI)

22.12.2006

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kontribuzzjonijiet tal-politika reġjonali tal-ġejjieni għall-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea
(2006/2104(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Mieczysław Edmund Janowski

PR_INI

WERREJ

Pàgna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kontribuzzjonijiet tal-politika reġjonali tal-ġejjieni għall-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea (2006/2104(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 158, 159 u 160 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni¹ u l-corrigendum tagħhom²,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Fond ta' Koeżjoni³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1084/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali⁴,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-formazzjoni Ewropea fi gruppi ta' koperazzjoni territorjali (European grouping of territorial cooperation – EGTC)⁶,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida Strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni⁷,
- wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 27/2006 tal-25 ta' Settembru 2006 adottata mill-Kunsill⁸ u lill-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adottar ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa l-2013)⁹ (2005/0043(COD)),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 2005 dwar xjenza u teknoloġija – Linji gwida għal politika tal-ġejjin ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġja r-riċerka¹⁰,

¹ ĠU L 210, 31.7.2005, p. 25.

² ĠU L 239, 1.9.2006, p. 248.

³ ĠU L 210, 31.7.2006, p 79

⁴ ĠU L 210, 31.7.2006, p 1

⁵ ĠU L 210, 31.7.2006, p 12

⁶ ĠU L 210, 31.7.2006, p 19

⁷ ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.

⁸ ĠU C 301E, 12.12.2006, p. 1.

⁹ P6_TA(2006)0513.

¹⁰ P6_TA(2005)0077.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu ‘Politika ta’ Koeżjoni bħala Sostenn għat-Tkabbir u għall-Impjiegi: Il-Linji ta’ Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 2007-2013’ (COM(2005)0299),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu ‘Nipprattikaw l-għarfien: Strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa għall-UE’ (COM(2006)0502),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu ‘Iktar Riċerka u Innovazzjoni – Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Strateġija Komuni’ (COM(2005)0488),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu ‘Il-politika tal-koeżjoni u l-ibliet: il-kontribut ta’ l-ibliet għat-tkabbir u għall-impjiegi fir-regġuni’ (COM(2006)0385),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu ‘It-tielet rapport dwar il-progress fuq il-koeżjoni: Lejn sħubija ġdida għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni’ (COM(2005)0192),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Liżbona tat-23 ta’ Marzu 2000,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa bit-titolu ‘Wasal iż-żmien li ningranaw: is-sħubija l-ġdida għat-tkabbir u għall-impjiegi’ (COM(2006)0030),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa informali f’Lahti fl-20 ta’ Ottubru 2006, bit-titolu ‘Ewropa moderna, miftuħa għall-innovazzjoni’ (COM(2006)0589),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bit-titolu ‘L-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija: aktar passi lejn il-ħolqien tiegħu.’ (COM(2006)0276),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu ‘Regġuni lejn Bidla Ekonomika’ (COM(2006)0675),
 - wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Progress ta’ l-Innovazzjoni Ewropea għall-2006 (TrendChart),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjonijiet u l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0000/2006),
- A. billi, barra milli tkopri l-approvazzjoni ta’ proġetti u l-immaniġġjar ta’ fondi strutturali,

- il-politika reġjunali għandha parti fil-bini tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-UE, li jinvolvi medda ta' miżuri komplimentari xjentifiċi u teknoloġiċi, legali u finanzjarji, ekonomiċi u kummerċjali, organizzazzjonali u amministrattivi, ta' l-enerġija u ambjentali, ta' l-edukazzjoni u soċjali, u ta' saħħa u kulturali mmirati biex jiżguraw koeżjoni ġenwina fi ħdan il-Komunità,
- B. billi l-investment minnu nnifsu ma jiġġarantix żvilupp imma jista', meta politiki xierqa jkunu implimentati, isir għodda vitali ta' l-iżvilupp,
 - C. billi l-bini tal-kapaċità ta' innovazzjoni għandu jservi biex inaqqas id-differenzi bejn reġjuni, b'hekk jitpoġġa fil-prattika l-prinċipju tas-solidarjetà soċjali u ta' l-iżvilupp armonjuż,
 - D. billi iċ-ċittadini għandhom ikunu l-punt li fuqu l-azzjoni ta' l-innovazzjoni għandha tiffoka; billi l-iżvilupp sħiħ u armonjuż tagħhom huwa l-element ewlieni għall-implimentazzjoni b'suċċess għall-politiki kollha, u billi l-bażi għall-azzjoni kollha min-naħa ta' l-UE għandha tkun il-benesseri ta' l-abitanti tagħha (definita b'mod wiesa' f'termini ta' kwalità ta' ħajja u ta' ħajja twila), bħala membri ta' komunitajiet lokali u reġjunali u, fl-istess ħin, ċittadini ta' l-Istati Membri,
 - E. billi aċċess indaqs għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini u billi taħriġ kontinwu għandu jingħata aktar importanza u l-ħaddiema għandhom jingħataw opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid,
 - F. billi l-innovazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea għandha tkun mifhuma bħala proċess dinamiku u interattiv li jinvolvi partijiet interessati varji inkluż, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, partijiet interessati reġjunali u lokali,
 - G. billi l-innovazzjoni tista' tfisser ukoll li jerġa' jibda jsir użu minn prattiki tajbin, ippruvati u ttestjati li ilhom jiġu ntużaw għal ħafna ġenerazzjonijiet, u billi fi ftit każijiet il-miżuri ta' innovazzjoni jistgħu jiġu mmirati biss lejn reġjuni speċifiċi,
 - H. billi wħud mill-miżuri jirrikjedu spiża kbira, filwaqt li oħrajn jitolbu biss ftit ideat u/jew l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni tajba u ċara li trid tkun osservata,
 - I. billi l-għan ta' l-Istrateġija ta' Liżbona hu li jagħmel lill-UE l-iktar ekonomija kompetittiva fid-dinja sa l-2010, u dan jinkludi wkoll ż-żieda tan-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp bi 3% tal-PGD; billi ċentri reġjunali u lokali għandhom ikunu involuti aktar b'mod attiv fl-implimentazzjoni prattika ta' l-Istrateġija ta' Liżbona,
 - J. billi 60 sa 70% tad-direttivi ta' l-UE huma implimentati fuq livell lokali u reġjunali,
 - K. billi l-fondi strutturali għandhom jintużaw b'mod flessibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati aspetti speċifiċi ta' reġjuni individwali,
 - L. billi strumenti ta' ifffinanzjar varji ġew introdotti, inklużi l-inizjattivi l-ġodda Jaspers, Jeremy u Jessica, u billi l-azzjoni ta' l-EIB isservi bħala lieva għall-iżvilupp permezz tan-nefqa razzjonalizzata,

- M. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom rwol vitali fil-bini tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-UE, minħabba, fost affarijiet oħra, il-flessibilità u l-veloċità ta' reazzjoni tagħhom għal teknoloġiji ġodda u metodi ta' ħidma ġodda,
- N. billi l-attività ekonomika, kif ġeneralment mifhuma, tinkludi wkoll il-biedja,
- O. billi s-settur tas-servizzi jiġġenera porzjon sinifikanti (xi 70%) tad-dħul ta' l-istati ta' UE,
- P. billi hemm bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet xierqa li għandhom x'jaqsmu ma' trasport, telekomunikazzjonijiet u infrastruttura tan-netwerk ta' l-informazzjoni,
- Q. billi l-parteciċipanti l-oħra fil-'logħba' ekonomika u politika globali m'humiex qed joqgħodu jħarsu u qed ukoll ifittxu soluzzjonijiet ġodda, u billi l-innovazzjoni tista' tkun ass peress li tagħmel l-ekonomija aktar attrajenti u aktar kompetittiva u toħloq rabtiet bejn ir-reġjuni tal-Komunità,
- R. billi l-innovazzjoni hi waħda mit-tliet prijoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea inklużi fil-Linji Gwida Strateġiċi,

Politika dwar kapital uman, edukazzjoni, xjenza u riċerka

1. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jiġi provdut aċċess ugwali għall-edukazzjoni fil-livelli kollha fir-reġjuni kollha, li se jagħti aktar faċilità lin-nies biex jaħsbu b'mod innovattiv u kreattiv u biex jiżgura żvilupp personali bilanċjat (kemm intellettuali u kif ukoll fiżiku), anki fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' mudelli etiċi ta' mgħiba soċjali;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati miksuba s'issa u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex irawmu l-iżvilupp ta' ċentri ta' riċerka akkademika u xjentifika reġjonali u koperazzjoni eqreb fost ċentri bħal dawn, biex jiġu inklużi aktar skambji ta' riċerkaturi u studenti;
3. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għall-fatt li, fid-dawl tat-theddida ta' kollass u n-nuqqas ta' impjiegi minħabba s-sitwazzjoni demografika attwali fl-UE, il-politiki tal-familja segwiti mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali u lokali jeħtieġu reviżjoni radikali; jemmen li għandu jitqies b'mod partikulari l-fatt li s-soċjetà Ewropea qed tixjieħ u jikkonsidra li l-anzjani għandhom ikunu involuti aktar mill-qrib f'miżuri innovattivi, sabiex b'hekk l-għarfien u l-esperjenza tagħhom jiġu utilizzati b'mod tajjeb;
4. Jissuġġerixxi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-awtoritajiet reġjonali li, bil-ħsieb li jitrawwem spirtu aktar b'staħħtu ta' innovazzjoni, il-komunitajiet reġjonali u lokali għandhom jiġu galvanizzati permezz ta' kampanja pluridirezzjonali biex jiżdied id-djalogu mas-soċjetà, ibbażata fuq il-prinċipju ta' approċċ 'minn isfel għal fuq';
5. Huwa tal-fehma li prerekwiżit essenzjali għall-bini ta' kapaċità ta' innovazzjoni fl-UE huwa l-aċċess 'broadband' mingħajr xkiel u liberu - jew irħis ferm - għal

- (a) informazzjoni amministrattiva (fil-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni), li jagħmilha possibbli biex il-parti l-kbira tal-formalitajiet amministrattivi, inklużi formalitajiet relatati man-negozju, ikunu jistgħu jiġu indirizzati fuq l-Internet, u
- (b) informazzjoni xjentifika, ekonomika, legali u kulturali, li tkun suġġetta għal rispett xieraq tal-prinċipji tal-proprjetà intellettuali (disponibilità usa' ta' libreriġi elettroniċi),
- u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżguraw aċċess universali għal informazzjoni bħal din u biex jimmassimizzaw l-aċċess għal xogħol ibbażat fuq it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) - xi ħaġa li hija partikularment importanti għal persuni li ċ-ċirkustanzi personali jew professjonali tagħhom jirrikjedulhom li jaħdmu b'mod remot, inklużi żgħażaġġ, ommijiet edukati u persuni b'diżabilità;
6. Iqis li, bil-ħsieb li tingħata spinta lill-innovazzjoni madwar il-Komunità, huwa essenzjali li jingħata appoġġ wiesa' lill-attivitajiet relatati ma' invenzjonijiet, brevetti u liċenzji u jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi biex jingħata effett lill-ibrevettar Ewropew u biex jiġi żgurat rispett għad-drittijiet ta' l-awtur (strateġija għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali), u dan iwassal għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet globali f'dan il-qasam, ibbażati b'mod speċjali fuq mudelli Ewropej;
 7. Huwa ta' l-opinjoni li r-raggruppamenti ta' innovazzjoni, iċ-ċentri ta' eċċellenza, eċċ, s'issa taw riżultati tajbin f'termini ta' formular u implimentar b'mod mgħaġġel u effiċjenti ta' kunċetti u soluzzjonijiet innovattivi, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu l-iżvilupp ta' raggruppamenti bħala mezz ta' twaqqif ta' rabtiet bejn ċentri ta' riċerka xjentifika, ċentri ta' l-edukazzjoni, u komunitajiet tan-negozju u lokali;
 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex irawmu koperazzjoni billi jwaqqfu pjattaformi teknoloġiċi Ewropej li jipprovdu opportunità biex jiġu konċentrati attivitajiet ta' innovazzjoni permezz ta' ħolqien ta' rabtiet transkonfinali u transreġjonali bejn l-industrija u ċ-ċrieki ta' riċerka xjentifika u dawk finanzjarji;
 9. Jenfasizza li l-livell attwali ta' nfiq fuq riċerka u żvilupp huwa baxx b'mod perikoluż u li l-appropriazzjonijiet baġitarji tal-Komunità indikati għal dan l-iskop huma l-bogħod milli jkunu sodisfaċenti, u jitlob lill-Istati Membri biex iżidu b'mod konsiderevoli s-sehem ta' nfiq bħal dan ta' GDP kemm fuq livelli nazzjonali u kif ukoll fuq livelli reġjonali kemm jista' jkun malajr;
 10. Jara l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT) bħala opportunità ġdida li tevita l-"brain-drain" u tagħti lir-riċerkaturi Ewropej ta' talent opportunità ta' darba li jwettqu riċerka xjentifika fuq l-ogħla livell u bħala sors ta' appoġġ potenzjali għall-istituzzjonijiet reġjonali ta' riċerka xjentifika; għalhekk jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħaffu x-xogħol fuq it-twaqqif ta' l-EIT u b'hekk jagħtu spinta lill-kompetittività u l-potenzjal tal-Komunità fit-'trijanglu ta' tagħrif' iffurmat mill-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni;

Politika għall-ekonomija u għall-enerġija u għodod finanzjarji u amministrattivi

11. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex

jgħatu appoġġ komprensiv (inklużi miżuri biex il-proċeduri amministrattivi u s-sistema ta' taxxa jiġu organizzati b'mod aktar effiċjenti) lill-SMEs, minħabba li dawn huma l-aktar vetturi kreattivi u dinamiċi għall-innovazzjoni teknoloġika u organizzattiva, u b'hekk tikber potenzjalment il-kompetittività ekonomika ta' l-Ewropa u titjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol;

12. Jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex irawmu u jappoġġjaw koperazzjoni bejn ċentri ta' riċerka xjentifika u negozji ta' kull daqs - kemm żgħar u kif ukoll ta' daqs medju u kbar;
13. Ihegġegħ lill-Istati Membri, bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva ta' politika favur l-innovazzjoni fir-reġjuni, biex jagħmlu użu tajjeb tal-komplementarjetà tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-finanzjament disponibbli taħt is-Seba' Programm ta' Qafas;
14. Huwa tal-fehma li, bi qbil mal-pressjoni soċjali b'saħħitha għal dan, il-burokrazija - li ma tridx tiġi konfuża ma' amministrazzjoni effiċjenti - għandha titnaqqas b'mod radikali, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrevedu l-liġi nazzjonali u lokali ta' l-UE minn dak il-lat u biex iwettqu simplifikazzjonijiet estensivi u, kull fejn ikun possibbli, biex jistandardizzaw il-proċeduri amministrattivi, b'mod partikulari dawk marbuta mal-varar jew mat-tmexxija ta' attività ekonomika (punti ta' kuntatt uniċi);
15. Huwa tal-fehma li għandha tingħata għajnuna istituzzjonali lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħidma tagħhom favur l-innovazzjoni, u jissuġġerixxi li l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jagħtuhom, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-usa' dmirijiet u setgħat possibbli flimkien mal-mezzi xierqa ta' finanzjament tagħhom innifshom, ta' sussidji jew ta' għotjiet, li għandhom jiffaċilitaw l-isforzi biex jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet possibbli għall-abitanti lokali;
16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali, fit-tiftix għal metodi biex jiġu implimentati investimenti u proġetti favur l-innovazzjoni, biex jużaw aktar is-soluzzjonijiet li jinvolvu sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat u biex fl-istess ħin jużaw prattiki tajbin żviluppati f'pajjiżi u reġjuni oħra;
17. Iqis li, bil-għan li jkunu implimentati politiki favur l-innovazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali, jehtiegħ li jitħaffef ix-xogħol ta' għbir ta' kapital, u jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwaqqfu mekkaniżmi ta' finanzjament li jissodisfaw il-ħtiġijiet veri, flimkien ma' sistema għall-immaniġġjar tar-riskji involuti fi proġetti innovattivi; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, l-importanza f'termini ta' innovazzjoni ta' l-inizjattivi ta' finanzjament ġodda mdaħħla b'mod konġunt mill-EIB u l-EIF (Jaspers, Jeremie u Jessica) u jqis li informazzjoni dwar l-implimentazzjoni prattika u effettiva ta' dawn l-inizjattivi għandha tinxtered kemm jista' jkun fil-livell reġjonali;
18. Jirrikonoxxi r-rabta bejn l-innovazzjoni u l-moviment ta' malajr u sikur ta' persuni u oġġetti, li tehtiegħ l-involviment ta' komunitajiet reġjonali fil-forniment ta' infrastruttura għat-trasport, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex ikunu innovattivi b'mod tekniku u organizzattiv fil-qasam tat-trasport, b'mod partikulari għat-trasport pubbliku kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak reġjonali;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qed jippruvaw isolvu l-problemi dwar l-enerġija ta' l-Ewropa u, filwaqt li jagħraf li l-politika dwar l-enerġija, bħala prinċipju, hija parti mill-kamp nazzjonali u għandha influwenza sinifikanti fuq l-innovazzjoni fi ħdan l-ekonomija, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu l-aspetti reġjonali ta' dik il-politika, inkluża l-edukazzjoni dwar l-enerġija, u dan għandu jirriżulta fi sforzi akbar biex ikun irrazzjonalizzat l-użu ta' l-enerġija u tkun prodotta enerġija 'nadifa' bl-użu ta' karatteristiċi ġeoloġiċi u sorsi ta' l-enerġija lokali u bil-promozzjoni ta' bini maħsub biex jitnaqqas it-telf ta' enerġija;

Żoni urbani u rurali u l-ambjent

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bil-għan li tkun ikkontrollata l-popolazzjoni li qed tonqos f'ċerti żoni minħabba l-privazzjoni ekonomika, biex imexxu l-politika ta' kumpens interreġjonali b'mod iktar effettiv billi jużaw kundizzjonijiet u beni lokali bl-aħjar mod biex isir progress fir-rigward koeżjoni territorjali ġenwina, li ttejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità;
21. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni, ta' l-Istati Membri u ta' l-awtoritajiet reġjonali għall-fatt li, biex ikun possibbli ambjent tajjeb għall-innovazzjoni, il-poplu jrid ikollu kundizzjonijiet ta' għajxien tajbin, li jfisser li jrid ikun iggarantit livell xieraq ta' sigurtà, kura tas-saħħa u ħarsien ambjentali, djar diċenti, aċċess għas-servizzi, eċċ.,
22. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali, minħabba l-irwol ewlieni taż-żoni urbani bħala l-postijiet fejn tgħix il-maġġoranza taċ-ċittadini ta' l-UE kif ukoll bħala ċentri ta' inovazzjoni lokali u reġjonali, biex jappoġġjaw l-ippjanar ta' l-ispazju għal perjodu ta' żmien twil billi dan joħloq kundizzjonijiet li jwasslu għall-użu razzjonali u armonjuż ta' l-ispazju urbanu għal żvilupp urban sostenibbli filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ekonomiċi, ta' 'housing' u ta' divertiment u jitħares l-ambjent;
23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw azzjoni innovattiva tajba għall-ambjent (eko-innovazzjoni) li tikkontribwixxi għal żvilupp reġjonali sostenibbli;
24. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali, minħabba l-fatt li ż-żoni rurali li fihom tgħix madwar 20% mill-popolazzjoni tal-Komunità huma ta' importanza deċiżiva għas-sigurtà ta' l-ikel ta' l-UE, biex jinkludu l-produzzjoni u l-proċessar ta' ikel agrikolu u l-kundizzjonijiet ta' għajxien ta' l-abitanti ta' żoni rurali fil-kamp ta' azzjoni għal politika ta' innovazzjoni;

Il-prattika tajba u l-konsolidazzjoni tal-politika ta' innovazzjoni

25. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol tal-Kummissjoni sal-lum fl-evalwazzjoni tal-politika ta' innovazzjoni fil-livell ta' l-Istati Membri (eż. ir-Rapport dwar il-Progress ta' l-Innovazzjoni Ewropea) u jistedinha b'mod sistematiku biex tanalizza reġjuni individwali, filwaqt li tuża l-iktar indikaturi ta' l-innovazzjoni oġġettivi disponibbli; jissuġġerixxi li jitressqu analiżi u evalwazzjonijiet rilevanti fir-raba' rapport perjodiku dwar il-koeżjoni li qed jitfassal bħalissa;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu passi sabiex tikkonsolida Oqfsa Strateġiċi ta' Riferiment Nazzjonali (NSRFs), li għandhom jinkludu Strateġiji Reġjonali għall-

Innovazzjoni (RISs) sabiex tissaħħaħ l-innovazzjoni, u biex tgħaqqadhom f'sistema komuni u koerenti għall-UE kollha;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati li nkisbu s'issa b'rabta ma' l-iskambju ta' l-esperjenza u l-aħjar prattika bejn ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali permezz ta' netwerks ta' koperazzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti appoġġ kontinwu għall-iżvilupp ta' netwerks bħal dawn u għat-trasferiment ta' l-innovazzjoni permezz ta' l-użu ta' l-aqwa teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, li jiffaċilitaw b'mod sinifikanti t-trasferiment u l-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikulari minħabba l-ħtieġa li jkunu involuti l-komunitajiet f'żoni mbegħdin; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-fatt li permezz ta' l-inizjattiva Reġjuni għall-Bidla Ekonomika, il-Kummissjoni qed tteġġeg ir-reġjuni u l-bliet biex jikkoperaw, iżda jistenna proposti konkreti għall-implimentazzjoni ta' dik l-inizjattiva;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tmexxi, flimkien ma' l-Istati Membri, reviżjoni fi żmien medju tal-Linji gwida Strateġiċi tal-Komunità sabiex tevalwa l-progress li jkun sar bil-politika ta' innovazzjoni ta' l-UE fir-reġjuni;
29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-Kumitat tar-Reġjuni.